wieħed li f'waqt wieħed qed jamar u jitlob bil-ħniena, u jgħid: "F'ġieħ is-sema!"

"Bċejjeċ minn tiegħu!" għajtet Perpetwa. "Oh x'raġel ħażin! Oh kif irid jirkeb lil kulħadd! Oh xi bniedem mingħajr biża' t'Alla!"

"Trid tiskot? Jew trid tkun il-ħsara tiegħi għal kollox?"

"Oh! aħna hawn weħidna li ħadd ma jismagħna. Imma kif ser tagħmel, ja msejken sidi?"

"Eh, ara", qal Dun Abbondju b'leħen imbaqbaq, "ara x'pariri sbieħ taf tagħtini din! Tiġi tistaqsini kif ser tagħmel, kif ser nagħmel; qisha li kienet hi fit-taħwida, u kien imiss lili li noħrogha minnha".

"Imma! Jiena kieku kelli l-parir tiegħi dgħajjef x'nagħtik; imma mbagħad......"

"Imma mbagħad, nisimgħu".

"Il-parir tiegħi kien li, billi kulħadd igħid li l-arċisqof tagħna hu raġel qaddis, u bniedem li jżomm iebes, u li ma għandu biża' minn ħadd, u li meta jista' jġagħal joqgħod b'għaqlu lil xi wieħed minn dawk li jidhrilhom li jistgħu għal kulħadd biex jieqaf ma' xi kappillan, jogħxa; jiena kont ingħid, u ngħid li int tiktiblu ittra sabiħa, biex tgħarrfu kif......"

"Trid tiskot? Trid tiskot? Dawn huma pariri ta' min jagħtihom lil bniedem imsejken? Meta jkun messni tir f'dahri, Alla jħares! ikun l-arċisqof li jneħħihuli?"

"Eh! it-tiri ma jintefgħux bħal kosbor; u ħażin li kieku dawn il-klieb kellhom jigdmu kull darba li jinbħu! U jien dejjem rajt li lil min jaf juri snienu, u jġagħal min iġiblu qima, jagħtuh qima: u fuqhekk sewsew għaliex int ma trid qatt tħaqqaqha ma' ħadd, wasalna sa hawn li kulħadd ġej, aħfirli, biex..."

"Trid tiskot?"

"Jiena niskot dalwaqt; imma b'dan kollu ma jmerih ħadd li, meta d-dinja tintebaħ li wieħed, dejjem, f'kull għawġ li jiltaqa' miegħu, hu mhejji biex iniżżel il......"

"Trid tiskot? Hu issa l-ħin li tgħid dawn il-ħmerijiet?"

"Biżżejjed: taħsibha da'-lejl; imma issa la tibdiex minnek tagħmel ħsara lilek innifsek, tħassar saħħtek; kul ħal-bukkun."

"Naħseb jien", wieġeb igorr, Dun Abbondju, "bans; jien naħseb, jien għandi naħseb". U qam, itenni jgħid: "Ma rrid



nieħu xejn, xejn: ħajra oħra għandi; nafu jien ukoll li jmiss lili naħseb. Imma! kellha tiġri sewsew lili."

"Itfa' għallanqas 'l isfel dil-qatra oħra", qalet Perpetwa, tfarra'. "Int taf li dan iqegħedlek dejjem l-istonku."

"Eh! għalhekk trid ieħor, trid ieħor, trid ieħor!"

U jgħid hekk, qabad id-dawl, u igorr dejjem: "Ħaġa ta' xejn! lil raġel bħali! u kif tmur għada?" u tgemgim ieħor jixxiebah, irħielha biex jitla' fl-għorfa. Kif wasal fuq l-għatba, dar lura lejn Perpetwa, qiegħed sebgħu fuq ħalqu, u jitkellem bil-lajma u jagħmel saħħa fuq kliemu, qal: "F'ġieħ is-sema!" u għab.

---

## IL-POEŻIJA TIEGHI

*Ta'* ĠUŻE' CHETCUTI

Inħoss waqtiet ġo qalbi l-Poeżija
Trid timraħ, togħla w tgħix f'saltna ta' dwal,
Imma, magħsur kif jien fl-għawġ u t-tbatija,
Imut fi ħsiebi l-ġmiel ta' l-ideal.

Il-qalb kieku tixtieq terġa' qawwija
Timtela' kollha ħajja, ħeġġa w nar,
Imma kull darba tħoss Forza Moħbija
Tagħfasha 'l isfel f'morsa ta' l-azzar.

Fuq rasi ta' kuljum nara jitlajja
— U m'hemmx li jgħaddi — is-sħab kulur irmiedi.
Is-sħab tal-hemm, donnu jrid jibqa' miegħi.

Iżda ninsa l-uġigħ u s-swat ta'-ħajja
Xħin nilmaħ imgħannqin fl-irqad 'l uliedi,
L-iprem u l-isbaħ poeżija tiegħi.